PDF Compressor Pro



Waqt is-serata kulturali Opera vs Pop Under the Stars

Lejla Kulturali

Udjenza mdaqqsa ta' Għawdxin flimkien ma' Maltin u barranin li bħalissa qegħdin Għawdex, setgħu jgawdu atmosfera mill-aqwa, meta nhar it-Tnejn 4 ta' Awissu, filgħaxija, il-Gozo Youth Orchestra ppreżentat il-kunċert Opera vs Pop Under the Stars, li sar filbitħa tal-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat. Mistiedna speċjali matul din is-serata kienu s-Sopran Pamela Agius, minn Għajnsielem u li tgħix u tistudja New York u l-Baxx Rabti Noel Galea, li ngħaqdu mal-50 mużiċisti żgħażagħ li ħadu sehem f'dan il-kunċert.

Matul din il-lejla, il-Gozo Youth Orchestra daqqet selezzjoni ta' biċċiet klassiċi fosthom minn Don Giovanni ta' Mozart u minn Un Ballo in Maschera ta' Verdi, kif ukoll soundtracks u siltiet minn musicals bħal Pirates of the Carribean u Jesus Christ Superstar.

Il-kunċert Opera vs Pop Under the Stars taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mro. Joseph Grech ittella' b'kollaborazzjoni ma' l-uffiċċju talkultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ambaxxata Amerikana f'Malta.



Is-Sopran Pamela Agius

Preżenti kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u Eric Catalfamo, uffiċjal fl-Ambaxxata ta' l-Istati Uniti f'Malta.

Wirja ta' xogħlijiet ta' l-artist Għawdxi Paul A Stellini ġiet imtella' għall-okkażjoni biex tikkumplimenta din is-serata kulturali.



Il-Baxx Għawdxi Noel Galea

Proġett estensiv ta' restawr għaċ-Ċittadella

Il-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella fis-snin li ġejjin ser iġawdu minn proġett ta' restawr kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Dettalji dwar dan il-proġett ingħataw waqt laqgħa pubblika li saret fuq id-demi bastjun ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella.

Dr Stephen C Spiteri Suprentendent tal-Fortifikazzjonijiet fit-Taqsima tar-Restawr tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali tkellem dwar l-importanza taċ-Ċittadella bħala l-fortifikazzjoni ewlenija ta' Għawdex u r-rwol tagħha fiddifiża ta' Għawdex. Il-Perit Ivana Farrugia responsabbli minn xogħlijiet ta' Restawr fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp tal-Ministeru għal Għawdex spjegat kif ser ikun imqassam il-proġett u fiex ser ikun jikkonsisti x-xogħol.




L-istat tas-swar taċ-Ċittadella.

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono qalet li dan huwa proġett importanti għallpreżervazzjoni u r-restawr taċ-Ċittadella u huwa l-ewwel darba li meded kbar tas-swar tagħha ser jiġu restawrati. Hija qalet li l-fondi allokati għal dan il-proġett huma parti mill-fondi Ewropej allokati għal-perjodu 2007-2013 u li minnhom l-Gvern intrabat li jalloka 10 fil-mija speċifikament għal Għawdex.

Il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali George Pullicino waqt id-diskors tiegħu tkellem dwar il-proġett ħolistiku ta' restawr ta' madwar 135,00 metru kwadru ta' faċċati ta' swar fuq tul ta' madwar 6 km ta' fortifikazzjonijiet f'Malta u Għawdex, u li se jiswa madwar 36 Miljun Ewro.

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Jidhru mix-xellug għal-lemin, Tatiane u Marija Cassar, Desiree Scicluna Bugeja, Reno Marchese minn Palermo, l-Italja, Carmel Cachia, Melanie u Enrico Molineri kif ukoll Alfio Sorbelo ilkoll minn Catania, l-Italja.

Wirja ta' l-Artist Carmel Cachia

F'art ..e Gallery, Triq il-Librerija, ir-Rabat, Għawdex, nhar is-Sibt 2 ta' Awissu, fis-7.30 ta' filgħaxija, fetħet wirja ta' pittura mill-artist Carmel Cachia.

Din hija t-tieni wirja personali ta' Cachia, bl-isem ta' *Pathways*.

Il-Wirja li ser tibqa' miftuħa sa nhar il-Ħamis 28 ta' Awissu, tikkonsisti minn 14-il pittura bl-*acrylics* kif ukoll biż-żejt, *mural* magħmul mit-tafal, flimkien ma' ġabra limitata ta' *lino-prints*.

Għal din il-wirja Carmel għażel tema li hi għal qalbu ħafna, dik talpajsaġġ Malti, fejn l-artist huwa mnebbaħ mill-mogħdijiet tal-kampanija Maltija u s-sbuħija tal-madwar.



L-artist Rabti Mark Sagona, (lemin), jifli b'attenzjoni x-xogħol esebit flimkien ma' l-artist Cachia.

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
PO Box 330 Merrylands NSW 2160
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna

PDF Compressor Pro



Il-Grupp Taljan flimkien ma' Mons. Isqof Grech u l-Arċipriet Bajada.

Xogħol ta' rinovament fid-Dar Parrokkjali tal-Parroċċa t'Għajnsielem

Kitba u ritratti ta' Charles Spiteri

Nhar il-Ħadd 10 ta' Awissu pubbliku numeruż matul il-ġurnata kollha żar id-Dar Parrokkjali f'Għajnsielem fejn seta' jara x-xogħol kbir ta' rinovament li sar f'dan il-post tal-parroċċa. Huwa l-post minn fejn ser titmexxa l-parroċċa. Dar fejn ser jgħix l-arċipriet flimkien ma' xi saċerdoti.

F'din l-okkazjoni ta' l-*Open Day*, Grupp ta' 24 Scouts, "Ramacca 1" Clan Fenice , minn Sicilia, taħt id-direzzjoni tal-*leaders* tiegħu Maria Verde u Salvatore Salanitro flimkien mas-Saċerdot Francesco Messina, kienu l-ewwel persuni ospitati f'din id-dar.



Dehra minn barra tad-Dar Parrokkjali t'Għajnsielem.

Filgħaxija Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' Dun Eddie Zammit, żaru din id-dar fejn ġew milqugħa mill-Arċipriet tal-Parroċċa l-Kanonku Frankie Bajada u mill-pubbliku preżenti fosthom il-Grupp Clan Fenice li laqgħuh b'kant ta' tifhir.



L-Isqof Grech ikellem it-tfal



Mons. Isqof Mario Grech jitkellem mal-membri tal-Grupp Clan Fenice.



Batman The Dark Knight

Azzjonijiet kontinwi

Minn Lino Vella AM

The Maltese Herald għal darb'oħra ġiet mistiedna biex tattendi għal film *"Batman The Dark Knight*, fl-IMAX Theatre Darling Harbour.

Is-soltu dawn juru films ta' spettaklu aktarx qosra minn nofs siegħa sa siegħa. Din id-darba qed juru dan il-film komplut fuq skrin kbir li hu aktarx hu l-akbar wieħed fid-dinja, u jħallik bla nifs u jdaħħlek fl-azzjoni ta' dak li tkun qed tara.

Dan il-film li ovvjament mhux għall-gosti ta' kulħadd, iżda min iħobb l-ispettaklu u azzjoni dan żgur li jgħodd għalik.

L-istorja hija tas-soltu t-tajjeb kontra l-ħażin din id-darba l-ħażin kien l-attur Awstraljan **Heath Ledger** li kien għadu kif miet ftit qabel ma ħareġ dan il-film għall wiri. Huwa ħa l-parti tal-"Joker' u nista' ngħid li seraq l-parti prinċipali anke mill-istess Batman (**Christian Bale**). Film li hu bbażat fuq '*cartoon strip'* li fl-Amerika qed jisboq u jikser kull rekord tad-dħul. Fih jaħdmu artisti oħra ta' stoffa bħal **Morgan Freeman** u **Harvey Dent** bħala d-District Attorney u sintendi l-assistent ta' Bruce Wayne (Batman**) Michael Cain.**

Mhux is-soltu li l-azzjonijiet li kienu ħafna, ma kinux ċari biżżejjed u ta' malajr wisq donnu kien hemm xi ħaġa nieqsa. B'dankollu l-ispettaklu kien hemm. Jekk tmorru taraw dan il-film fl-IMAX Theatre, kunu żguri li ssibu post lejn in-nofs kemm jista' jkun u l-fuq, għax jekk tkunu quddiem nett taqilgħu għonqkom kif għamilt jien billi mort tard.



Trackless train to run between Mdina, Rabat and Mtarfa

A trackless train carrying passengers between Mdina, Rabat and Mtarfa, and offering a running commentary along the route, was launched.

It is an initiative of the recently formed private partnership, Melita Trains, which was set up to provide a service for tourists and locals.

The trackless machine travels along an established route and through existing roadways and operates between 9.30 a.m. and 9.30 p.m.

The train is equipped with a multi-language commentary and GPS tracking and has three carriages accommodating up to 60 passengers.

It is fully compliant with safety and environmental standards, and has been made accessible to all persons, the company said.

Prime Minister Lawrence Gonzi, who inaugurated this new initiative, acknowledged the valuable contribution of the private sector to the tourism industry.



The new trackless train operating between Mdina, Rabat and Mtarfa

The first Maltese train system which used to run between Valletta and Rabat ceased operations in 1931.

For all your insurance needs:
Superannuation, Rollovers and Investments
AMP FINANCIAL CENTRE
Proprietor: Charles Agius Pty. Ltd.
A 64 003 141 562

- Charles has been a top performing advisor with AMP for 21 years
- Also advice on investment and all types of insurance

AMP
- **Ring now for confidental analysis on pension entitlement.**

AMP can help you NOW
111, Main Street, Blacktown NSW Tel. No. 9672 4800